

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9466/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0035 (NLE)

RECH 247
ATO 32
COMPET 432

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8063/25	
Nru dok. Cion:	COM(2025) 60 final; COM(2025) 60 annex
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2026-2027 li jikkomplementa lil Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 - Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2026-2027 li jikkomplementa lil Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765¹.

¹ 6646/25 + ADD 1.

2. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) jillimita t-tul ta' żmien tal-programmi ta' riċerka u taħriġ fil-qasam nukleari għal massimu ta' ħames snin². Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa³, ser jiskadi fi tmiem l-2025. Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-kontinwità tal-programm għall-perjodu 2026-2027 sabiex id-durata tiegħu tkun allinjata ma' dik tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.
3. Fid-19 ta' Marzu 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jikkonsulta, fuq bażi opzjonali, lill-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Marzu 2025.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Mejju 2025.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (Kwistjonijiet Atomiċi) eżamina l-proposta f'għadd ta' laqgħat, introduċa xi bidliet limitati għall-proposta tal-Kummissjoni u laħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta r-Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2026-2020 li jikkumplementa Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2021/765 kif rivedut mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 8401/25.

² Trattat Euratom, l-Artikolu 7.

³ ĠU 167I, 12.5.2021, p. 81.